MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 432/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi l-esponent zzewweg lill-intimata (Detentrici tal-Karta ta' l-identita Numru 477174 (M) nhar is-7 ta' Ottubru 2006, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet isseparaw personalment minn xulxin permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali datat 18 ta' Frar

2011 fl-Atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, illi kopja awtentika tieghu qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok B;

Illi madankollu l-partijiet kienu ilhom isseparati *de facto,* qabel ma kkonkludew is-separazzjoni formali bejniethom, sa mill-24 ta’ Awissu 2009, u dana kif jinsab ikkonfermat fil-Petizzjoni pprezentata nhar is-27 ta’ Novembru 2009 mill-intimata sabiex gew intavolati l-proceduri ta’ Annullament taz-Zwieg quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku (kopja ta’ l-imsemmija Petizzjoni qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. C). B’hekk huwa sodisfatt ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 66B(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi sal-lum il-gurnata, il-partijiet baqghu jghixu hajja totalment separata minn xulxin u effettivament ir-rikorrenti ilu madwar sentejn u nofs f’relazzjoni stabbli ma terza persuna, illi huwa ghandu l-intenzjoni illi jizzewweg wara illi jigi pronunzjat id-Divorzju bejn il-partijiet. B’hekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-partijiet, kif rikjest ai termini ta’ l-Artikolu 66B (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi permezz tat-tieni (2) Klawsola tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali bejniethom (Dok B), il-partijet kienu rrinunzjaw reciprokament mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin u ghalhekk m’hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

Illi mill-fuq permess isegwi illi f’dan il-kaz huma sodisfatti il-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg, ossia divorzju bejn il-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg, iccelebrat bejn il-partijiet nhar is-7 ta’ Ottubru 2006, ai termini ta’ l-Artikolu 66D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta’ hall taz-

zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A (4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Settembru, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Frar 2011, izda ilhom de facto separati sa mill-24 ta' Awissu 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg, u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------